# Baned fil-Festa tal-Karmnu fis-Seklu 19

**Lorenzo Zahra**

L-ewwel baned li bdew jieħdu sehem fil-festi tagħna fi żmien l-Ingliżi kienu l-Baned tal-Militar. Dan nafuh billi fil-festa ta' San Lawrenz tal-Birgu, meta ntemmet l-Ordni u ġew l-Ingliżi, mal-uffiċjalità Għolja Ingliża, kienet tieħu sehem ukoll Banda Militari, ħaġa li fl-1813 kellha tkun sospiża minħabba l-pesta[1]. Jidher però li meta għadda ż-żmien fl-1840 nsibu banda Militari Ingliża tiegħu sehem fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. Ma nistgħaġbux li f'ġurnali ta' dak iż-żmien kien hemm min ipprotesta għax deherlu li bandisti barranin ta' reliġjon oħra ma kienx xieraq jieħdu sehem fil-festi reliġjużi tagħna[2]. F'rapport tas-sena 1858 jidher li ħadu sehem żewġ baned, waħda taħt is-Surmast Domenico Amore però ma jissemmix ebda isem ta' banda[3]. Is-sena ta' wara cioè fl-1859 fil-pjazza San Giorgio (illum il-Main Guard) kien sar palk tal-injam apposta ħalli joqgħodu fuqu l-mużikanti fil-festa tal-Karmnu[4].

Fis-sena 1862 kienu ħadu sehem żewġ baned Militari, li kienu dik tal-Artilliri Maltin u oħra tar-Regt 23 R.W. Fusiliers[5]. Jidher li l-banda tar-reġiment spiss kienet tieħu sehem b'dan l-isem, kif irrappurtaw il-ġurnali fl-1862 u 1866 u ġeneralment kienu jdoqqu fil-pjazza San Giorgio[6].

Fis-sebgħinijiet tas-seklu 19 dehret il-Banda La Valette li bdiet tieħu sehem kważi kull sena. Fl-1875 kienet taħt il-bakketta ta' Carabott, filwaqt li is-sena ta' wara taħt Bartoli[7]. Fis-sena 1879 kienet ħadet sehem ukoll il-banda ta' Birkirkara[8]. Fis-sena 1877 kienu ħadu sehem iż-żewġ baned tal-Isla, cioè l-Banda Vincintrice u l-Banda La Sengle li kellhom programm f'idejhom billi sena qabel kienu ħadu sehem meta kellna ż-żjara tal-Prince of Wales f'Malta[9] u ġew imfaħħra ferm. Fis-sena 1880, il-Banda La Valette kienet żanżnet innu ġdid għall-festa imma dan żanżnitu fit-Teatru Manel fejn intlaqa'



Il-palk tal-injam li fuqu kienet titla' l-banda. Dan il-palk għadu jeżisti għalkemm m'għadux jintrama.

tajjeb ferm. F'dik is-sena mal-banda La Valette fil-festa kien hemm ukoll iż-żewġ banded tal-Isla kif ukoll il-banda Militari tal-R.M.F.A[10]. Fis-sena 1885 kienet ħadet sehem il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu. Jidher li fid-disgħinijiet tas-seklu 19, il-baned tat-tlett ibliet spiss kienu jieħdu sehem fil-festi tal-Karmnu tal-Belt Valletta li allura kienu popolari wisq. Hekk insibu fis-sena 1894 dik ta' Bormla, Banda San Giorgio, it-tnejn tal-Isla, il-Banda Vincitrice u La Sengle u dik tal-Birgu li kien jisimha "Vittoriosa" li llum hija msemmija Prince of Wales[11]. Fis-sena 1895 kien hemm ukoll il-Banda tal-Birgu Duke of Edinburgh, dik tal-La Valette kif ukoll dik ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Fis-snin ta' wara jidher li l-Banda Duke of Edinburgh baqgħet tieħu sehem taħt it-tmexxija tas-Surmast Gaetano Grech. Wieħed għandu jżid jgħid li fl-1898 għall-Festa tal-Madonna tal-Karmnu kien hawn banda barranija, cioè l-Banda ta' Siracusa li kienet milqugħa b'ferħ anke mill-baned lokali[12].

Hekk tajna xi tagħrif fuq is-sehem tal-Baned fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta fis-seklu 19, meta l-festa kienet diġà waħda ferm popolari mal-poplu Malti.

**Referenzi**


1 Atti Ċivili – Arkivju Arċidjoċesi
2 The XXX p40 (1840)
3 Mediterraneo 24/7/1858
4 XXX 20/7/1859
5 Mediterraneo 19/7/1862 L'Ordine 18/7/1962
6 XXX 19/7/1865; 17/7/1866; 18/7/1868
7 Op. cit 13/7/1875 – Public Opinion
8 Op. cit 25/7/1879
9 Op. cit 18/7/1877 – Ricordio della Visita di Prince of Walse 6-10 April 1876
10 Op. cit 12/7/1880; 15/7/1880
11 Public Opinion 14/7/1894 – Banda Vittoriosa Public Opinion – 13/7/1895 Banda Duke of Edinbough Public Opinion – 11/7/1895 Banda tal-Birgu – Direttur: Grech Public Opinion – 12/7/1895 Banda La Vincitrice – Senglea Public Opinion – 15/7/1899 – Banda Duke of Edinbough – Vittoriosa Il XXX Malta No 120 – 14/7/1899
12 Il Patriota 13/7/1898



